---

8 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Albert Bonello *versus* Alfred Tonna

**Arrest Personali — Dolo u Frode — Manteniment tad-Debitur Arrestat — Depożitu — Art. 367, 368, 369 u 370 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fil-każ ta' arrest personali għal dolo u frode l-ispejjeż tal-manteniment tad-debitur huma a kariku ta' l-istess debitur arrestat; u dan ma jistax jitlob id-depożitu ta' l-ispejjeż tal-manteniment tiegħu. Iżda huwa għandu dritt, fuq talba li jagħmel lill-Qorti li tkun ħarġet il-mandat ta' l-arrest tiegħu, li jagħla' somma daqs kemm*

*jiswa l-manteniment ta' persuna miżmuma l-ħabs għal reat, li tiġi mħallsa lilu bil-quddiem mill-kreditur b'dak il-mod li tordna l-istess Qorti, kemm il-darba l-arrestat ma jkollux mezzi proprji biex imantni lilu nnifsu u indipendentement mill-fatt li huwa jkun qiegħed jiġi mantnut mill-Gvern.*

*Dana d-dritt però huwa intiż għall-manteniment "actu"; u l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-kreditur jagħmel depożitu għall-alimenti ta' l-imgħoddi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Ġunju 1946 fl-ismijiet inversi huwa ġie kundannat għall-arrest personali għal dolo u frode għal 18-il xahar, kemm il-darba ma jħallasx sal-15 ta' Lulju 1946; u li huwa jinsab miżmum il-ħabs ta' Kordin bħala "detention prisoner", u bħala tali jrid iħallas għall-manteniment tiegħu; u peress illi huwa ma għandux mezzi biex imantni lilu nnifsu; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu rata ekwivalenti għall-manteniment tiegħu bħala persuna miżmuma l-ħabs għal reat, bil-quddiem u fil-mod indikat; u dana peress li huwa ma għandux mezzi biex imantni lilu nnifsu. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fejn issottometta illi huwa ammess mill-attur li ġie kundannat għall-arrest personali għal 18-il xahar għal dolo u frode, u illi kull min kien hekk kundannat qatt ma għamel ċitazzjoni simili, u d-diversi krædituri qatt ma ħallsu għall-manteniment fil-ħabs ta' debitur frawdolenti; u li jekk il-priġunier detenut ma għandux mezzi biex iħallas, allura għandu jaħdem il-ħabs u x-xogħol tiegħu jiġi kumpensat ma' l-ikel;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-23 ta' Ġunju 1948, fejn laqgħet it-talba u għalhekk ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur 2s. kuljum bix-xahar bil-quddiem, u ordnat li l-versament tal-flus għandu jsir f'idejn id-Direttur tal-Ħabs; salvi lill-konvenut kull xorta ta' drittijiet oħrajn li jista' jkollu jekk u skond il-liġi; u ordnat illi l-ispejjeż in vista tan-natura tal-każ għandu jbatihom l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi rriżulta illi l-attur b'sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-21 ta' Ġunju 1946 ġie kundannat għall-arrest personali għal dolo u frode għal 18-il xahar, iżda l-Qorti ddikjarat li kemm il-darba sal-15 ta' Lulju ta' dik is-sena l-attur ikun ħallas lil Alfredo Tonna £150, l-arrest tiegħu kellu jkun arrest sempliċi, mingħajr dolo u frode;

Illi miċ-ċitazzjoni stess jirriżulta illi l-attur ma ħallasx, u għalhekk il-kundanna tiegħu baqgħet għall-arrest għal dolo u frode, u l-lum jinsab miżmum il-ħabs; u peress illi, kif xehed hu, ma għandux mezzi biex imantni lilu nnifsu, għalkemm s'issa ġe mantnut mill-Gvern, qiegħed jitlob li l-konvenut, kreditur tiegħu, joħroġlu l-manteniment;

Illi skond l-art. 368 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-ispejjeż tal-manteniment ta' l-arrestat fil-każijiet ta' għemil doluż jew ta' frodi jibqgħu a kariku tad-debitur arrestat, u dana ma jistax jitlob id-depożitu msemmi fl-art. 367, iżda huwa jista' biss, fuq talba li jagħmel lill-Imħallef jew Maġistrat li jkun ħareġ il-mandat, jaqla' li somma daqs kemm jiswa l-manteniment ta' persuna miżmuma l-ħabs għal reat tiġi mħallsa lilu bil-quddiem mill-kreditur b'dak il-mod li jordna l-istess Imħallef jew Maġistrat (art. 369 tal-Proċedura Ċivili);

Illi skond dak l-artikolu għandu jiġi eżaminat jekk kemm-il-darba l-arrestat għandux mezzi proprji għall-manteniment tiegħu nnifsu u indipendentement mill-fatt illi l-arrestat ikun qiegħed jiġi mantnut mill-Gvern fil-ħabs bil-"buona grazia" tal-Gvern;

Fil-każ in ispeċje n-nuqqas ta' mezzi ta' l-arrestat irriżulta pruvat bix-xhieda ta' l-attur, li ma ġietx kontradetta blebda prova; u għalhekk l-attur għandu d-dritt jitlob l-assenjazzjoni tas-somma ekwivalenti għal kemm jiswa l-manteniment ta' persuna miżmuma l-ħabs għal reat, u għalhekk il-kundanna tal-kreditur tiegħu biex joħroġlu dik is-somma;

Illi fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 1863, in re "Gio. Maria Borg vs. Lorenzo Demartino" (Kollez. Anno 1863, Vol. 2do., pag. 343), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ipprovdiet f'każ ta' arrest għal dolo u frode billi stabbiliet ir-rata talmanteniment kemm fil-fehma tas-Suprintendent tal-Ħabs kien ugwali għall-kost ta' l-alimenti ta' persuna detenuta għal

reat. Mix-xhieda tad-Direttur tal-Ħabs irriżulta li l-kost tal-manteniment ta' detenut huwa kunsidrat ekwivalenti għal 2s. kuljum;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fil-kap fejn laqgħet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-appellant iħallas lill-attur bix-xahar bil-quddiem mill-ġurnata tas-sentenza, u ordnat illi l-versament tal-flus isir f'idejn id-Direttur tal-Ħabs, u konfermata għall-kumplament, u għalhekk jiġi deċiż għall-esklużjoni tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi la darba l-appellat ġie arrestat in eżekuzzjoni tas-sentenza li kkundannatu għall-arrest personali għal dolo u frode, huwa għandu jkun eżentat milli jħallas l-ispejjeż għall-manteniment tad-debitur, peress illi dak l-arrest qiegħed jieħu lok ta' l-azzjoni kriminali, li skond il-liġi ma tistax tiġi eżerċitata la darba ġie kundannat għall-arrest persunali għall-kawża fuq indikata. Iżda, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, in bażi anki għal sentenza oħra tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tal-20 ta' Frar 1863 in re "Borg vs. Demartino", riportata fil-Kollezzjoni, Vol. II, paġina 343, la darba l-liġi hija ċara fil-materja, mingħajr ma hemm ebda ambigwità, min għandu jiddeċidi l-kawża ma jistax iqigħedha da parti u jeżamina jekk hijiex tajba jew ħażina, kif jippretendi l-appellanti. Issa l-art. 369 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili huwa ċar biżżejjed, għaliex jikkontempla preċiżament dan il-każ tal-manteniment ta' arrestat għal għemil doluż jew frodi, salvi d-drittijiet tal-kreditur skond l-art. 370 b'ċitazzjoni kontra l-arrestat;

Tikkunsidra;

Illi però, l-azzjoni in bażi tal-liġi fuq indikata hija ntiża għall-manteniment "actu" ta' l-arrestat, peress li dan għandu jiekol; u għalhekk, jekk dan, tajjeb jew ħażin, sab dak il-manteniment, il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-kreditur biex jagħmel depożitu għal ħaġa li diġà kellha effettwazzjoni, għa-

liex l-arrestat effettivament sab il-manteniment tiegħu minn band'oħra; u issa, peress li spiċċa l-perijodu li hu għalih ġie arrestat, huwa ġie liberat u kien preżenti fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Lanqas jista' jingħad li allura, per mezz ta' dan l-appell, l-appellant kreditur eluda l-obligi tiegħu li kienu joħorġu mis-sentenza li fuqha hemm dana l-appell; għaliex id-debitur, la darba ried jiekol, kellu mezzi oħra li tagħtih il-liġi biex jeżegwixxi dik is-sentenza. La darba ma eżerċitax dawk id-drittijiet, "imputet sibi", u allura issa, "rebus sic stantibus", inħalqet pożizzjoni diversa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u għalhekk fil-meritu tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell; u peress illi tiddikjara li ma hemmx iżjed lok li tipprovvedi għat-talba ta' l-attur li jsir id-depożitu mitlub, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, tordna illi l-ispejjeż ta' din l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur appellat; mentri tikkonferma l-ewwel sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjeż.